MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 19

13 ta' April 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 19 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 13 ta' April 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

**KONDOLJANZI**

Fil-bidu tas-seduta, is-Sindku, f`isem il-Kunsill kollu, ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier J. Buttigieg wara li mewt ta' missieru Salvu, li ġrat fil-11 ta' April 2009. Huwa awgura li f`dawn il-mumenti ta` sogħba jsib il-kuraġġ biex ikompli l-ħidma tiegħu.

Is-Sur Buttigieg irringrazzja lil kull min attenda l-funeral jew wera simpatija miegħu u mal-familjari tiegħu.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi ġibed l-attenzjoni għall-minuta 2.1.7. **(Ref: T/3/3/Vol III)** ta' l-ewwel parti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.1.7. Il-Kunsillier J. Azzopardi tenna li l-proposta dwar il-bini ta' pont fil-wied tal-Qammieħ ser taffettwa b'mod negattiv ir-rotta migratorja ta' l-għasafar li jpassu minn dawk l-inħawi.".*

1.2. L-istess kunsillier talab ukoll li l-minuta 9.3. **(Ref: K/2/Vol III)** tinqara kif ġej:

*"9.3. Is-Sindku aċċenna għal dak li kien wiegħed fis-Seduta Nru. 2 tal-14 ta' April 2008, li l-ebda responsabilità ma kienet fissa għal kull kunsillier tul il-mandat kollu.".*

1.3. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 15.2. **(Ref: A/5/3/Vol X)** u talab li tinqara hekk:

*15.1. "Il-Kunsillier H. Fenech ippropona li nhar il-Ħadd 19 ta' April 2009 filgħodu tittella' attività f'Misraħ il-Parroċċa li tkun tikkonsisti f':*

- *Wirja mill-klieb tal-Pulizija;*
- *Wirja mill-Malta Falconry Centre;*
- *Wirja ta' ubbidjenza u aġilità; u*
- *Kompetizzjonijiet dwar l-aħjar ilbies tal-klieb, u l-aħjar tpinġija. ".*

1.4. Il-minuti tas-seduta Nru. 18 li saret fit-23 ta' Marzu 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq.

## 2.0. Korrispondenza

### 2.1.1. Skema dwar Aċċessibilità Aħjar fil-Lokalitajiet (F/1/7)

2.1.2. Saret referenza għall-Memo 24/2009 datat 6 ta' April 2009, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju għarraf li fl-istess jum huwa flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg, attendew *briefing* li ngħata mis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni l-Onor Chris Said, fejn ġiet imnedija l-iskema msemmija. Din primarjament hija sabiex l-uffiċini tal-kunsilli lokali jinġiebu aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. Kemm-il darba dan il-għan ikun intlaħaq jistgħu jsiru applikazzjonijiet li jinvolvu postijiet pubbliċi kemm-il darba x-xogħlijiet li jsiru jkunu jissodisfaw il-kriterji tal-MEPA u l-*Access for All Design Guidelines* tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.

2.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li jsiru talbiet sabiex jitjieb l-aċċess għax-Xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija, li huwa mit-taraġ fi Triq il-Madonna ta' l-Għar, fejn dan jiltaqa' ma' Triq il-Kappillan Magri. Huwa qal ukoll tista' issir talba oħra fir-rigward ta' l-aċċessibilità għall-latrina eżistenti f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

2.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi ppropona li jiġi eliminat id-diżlivell li jeżisti bejn Triq l-Erwieħ u ċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji.

2.1.6. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jittieħed parir mingħand il-*Contracts Manager* qabel jiġu sottomessi applikazzjonijiet fir-rigward tal-proposti mressqa fil-minuta 2.1.5. aktar 'il fuq. Kien hemm qbil li m'għandhomx jsiru talbiet fir-rigward taċ-ċimiterju peress li dan jappartjeni lid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika.

### 2.2.1. *Parking* fi Triq il-Mitħna l-Qadima (T/3/2/Vol X)

2.2.2. Saret referenza għal ittra datata 17 ta' Marzu 2009, mibgħuta minn xi residenti li għandhom garaxxijiet fi Triq il-Mitħna l-Qadima, bejn Triq Santa' Marija u San Ġużepp. Dan sabiex ma jsirx *parking* faċċata tagħhom, peress li ma jkunux jistgħu jimmanuvraw bil-vetturi tagħhom. L-istess residenti lmentaw li qed jintlaqtu l-gallariji minn vetturi kbar. It-triq hija *two-way*. Għalhekk intalab sabiex issir linja safra faċċata ta' l-istess garaxxijiet.

2.2.3. Il-Kunsill ma qabilx li għandu jiġi ristrett il-*parking* fil-parti tat-triq in kwistjoni, għar raġuni li dan huwa skars meta jitqies li żdied in-numru ta' residenti fl-istess żona. Ittieħed in konsiderazzjoni li l-*parking* f'din it-triq kien is-suġġett ta' argumenti bejn ir-residenti.

### 2.3.1. PA 2973/08 - Żvilupp ta' Plot 485, Triq il-Qortin (P/5/8/Q)

2.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datata 13 ta' April 2009, fejn Għaqda Residenti Santa Marija Estate ġibdel l-attenzjoni għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq, billi kien hemm bidla fil-pjanti. L-għaqda lmentat li għalkemm il-pjanti juru li ser ikun hemm żewġ postijiet ta' residenza, dawn faċilment jistgħu jinqasmu f'erba'. Dan huwa evidenti mill-mod kif sar it-tqassim tal-kmamar.

2.3.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA, bħalma sar meta tressqet il-pjanta oriġinali.

### 2.4.1. Għotja ta' kotba (M/6/Vol V)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datata 25 ta' Marzu 2009, mibgħuta mill-European Institute of Education dwar għotja ta' kotba li jixtiequ jagħmlu lill-Kunsill dwar il-*management.*

2.4.3. Kien hemm qbil li l-preżentazzjoni tista' issir fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-21 ta' April 2009 fis-6.30pm.

### 2.4.4. Kompetizzjonijiet fi tmiem l-istaġun tal-*Basketball* (S/6/Vol III)

2.4.5. Saret referenza għal ittra mibgħuta mill-Mellieħa Basketball Team fejn talbu lill-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet 3 *vs* 3 u *shooting competitions* għat-tfal tan-*nursery* fi ħdan l-istess tim. L-attività hija ppjanata li sseħħ fit-30 ta' Mejju 2009 fil-bitħa ta' l-Iskola Primarja tal-Mellieħa.

2.4.6. Il-Kunsill aċċetta li jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' din l-attività sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbizx €230.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 19/03/09 - 07/04/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 12/03/09 – 30/03/09
- *Purchase Request Form* – 07/04/09
- Skeda ta' ilmenti - 0123/09 - 0145/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Sotto-Kumitat Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku – 04/03/09
- Minuti – Kumitat Konġunt dwar l-Ordini Pubbliku – 16/03/09
- Minuti – Maniġġ tat-traffiku waqt xogħlijiet fi Triq il-Kbira – Tieni Fażi – 06/04/09

## 4.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 4.1.1. Żjara mill-Blasochester Stadt Adenau Band (K/1/5/Vol IV)

4.1.2. Saret referenza għal minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti dwar il-kunċert mogħti mill-banda msemmija, liema kunċert ingħata fi Triq San Publiju kantuniera ma' Triq it-Tramuntana, nhar is-Sibt 4 ta' April 2009. Is-Sindku kkummenta li kien hemm udjenza żgħira li ħadet l-opportunità li żżur il-wirja tal-mudelli tal-kappelli li ġiet inawgurata fl-istess ħin fis-sede ta' l-Art Club 2000.

4.1.3. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa ġie ntrodott ma' dak li jista' jkun is-Sindku ta' Adenau fil-futur qarib Herr Hoffmann, mis-Sindku attwali Herr Bernd Schiffarth. Huwa stiednu għall-Iljieli Melleħin li huma ppjanati li jseħħu mill-11 sat 13 ta' Settembru 2009.

4.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.2.1. Sejħiet għall-offerti marbuta mat-tieni fażi tal-Proġett tal-*Playing Field* fil-wesgħa bejn Triq l-Għasel, Triq ix-Xehda u Triq il-Miġbħa (P/4/23)

4.2.2. Is-Segretarju aċċenna għall-minuta 2.5.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-*Tender Adjudication Board* iltaqgħa fid-9 ta' April 2009 sabiex jevalwa t-tliet offerti li saru dwar il-kostruzzjoni u l-*finishes*.

4.2.3. Is-Sindku ddikjara mill-ġdid li huwa għandu parentela ma' wieħed mill-offerenti u għalhekk ma ħax parti fid-diskussjoni.

4.2.4. Il-Viċi Sindku qal li fil-kjarifiki li ngħataw mill-offerenti wara li għalqet is-sejħa, dawn taw rati ġodda, li finalment ittieħdu in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni li saret mill-*Contracts Manager*. Il-Bord ma kienx konvint jekk din il-prattika kinitx normali u għalhekk saret rakkomandazzjoni li għandu jintalab parir mill-Kumitat tal-Kuntratti qabel jitkompla l-proċess sabiex jiġi stabbilit:

- Jekk hijiex prattika aċċettabbli li jiġu kkunsidrati prezzijiet ta' prodotti ġodda fl-evalwazzjonijiet li jsiru; u
- F'każ li l-opinjoni tkun fin-negattiv, kif għandu jipproċedi l-Kunsill minn dan il-punt 'il quddiem.

4.2.5. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

### 4.3.1. Rappreżentanza fuq il-Bord tal-Park Majjistral (A/4/10)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali ddeċieda li l-Kunsill Lokali jkun rappreżentat uffiċjalment b'membru wieħed fuq il-Bord tal-Park Majjistral. L-istess Ministeru ser jikkonferma dan bil-kitba aktar 'il quddiem.

4.3.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li fil-laqgħa tal-Bord illi saret fis-7 ta' April 2009 tressqet mozzjoni li kienet tinkludi l-mistoqsijiet segwenti:

(a) jekk il-kaċċa għandhiex tispiċċa għal kollox jew le fil-konfini tal-Park tal-Majjistral; u

(b) jekk id-deċiżjoni dwar (a) tkun fl-affermattiv, il-kaċċa m'għandiex tkun permissibbli aktar tard mid-9.00 ta' filgħodu.

Huwa qal ukoll li l-vot dwarha ġie pospost għal-laqgħa tal-Bord li jmiss.

4.3.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li l-ħin għandu jiġi estiż sa' l-10.00 ta' filgħodu. Huwa fakkar ukoll li fil-laqgħa li kienet saret ma' Dr Stanley Zammit – iċ-Chairman tal-Bord preċedenti – kien wiegħed li l-kaċċa mhux ser tiġi affettwata. Ġibed l-attenzjoni wkoll li teżisti kaċċa għall-fniek li ssir bix-xbiek u n-nemes li ma tinvolvi ebda periklu għan-nies li jkunu fil-park. Huwa staqsa jekk din it-tip ta' kaċċa hijiex ser tiġi ttollerata.

4.3.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li xi forma ta' restrizzjoni fuq il-kaċċa jeħtieġ li ssir għaliex mhux possibbli li tattira nies lejn il-park filwaqt li jkun għaddej l-isparar.

4.3.6. Wara aktar diskussjoni kien hemm qbil li l-posizzjoni tal-Kunsill għandha tkun fis-sens li fl-istaġun miftuħ, il-kaċċa bis-senter għall-għasafar u għall-fniek tista' issir sad-9.00 ta' filgħodu, filwaqt li dik tal-fniek bix-xibka u n-nemes m'għandhiex tkun risretta fl-ebda ħin.

4.3.7. Dwar it-Torri taċ-Ċantar, is-Sindku għarraf li dan ser jittieħed lura mill-Gvern, filwaqt li ebda raba m'huwa ser jintmess.

4.3.8. Is-Sur R. Cutajar qal li wara avviż illi sar fil-magazin "Mill-Qiegħa", qed tinġabar lista ta' persuni li b'xi mod għandhom interess fl-artijiet li jinsabu fil-konfini tal-Park tal-Majjistral. Huwa ppropona li aktar 'il quddiem għandha ssir laqgħa għalihom.

4.3.9. Il-Kunsill ġie nfurmat li nhar it-Tlieta 7 ta' April 2009 saret mixja fil-Park tal-Majjistral li attendew għaliha msieħba fil-Forum Żgħażagħ Laburisti, fl-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista, fl-Għaqda Nisa Ferrieħa, fil-Koperattiva Rurali tal-Manikata, fl-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina, fil-Mellieħa Football Nursery, fil-Mellieħa Sports Club, fis-Società Filarmonica La Vittoria, flimkien ma' xi ndividwi oħra. Attendew ukoll il-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillieri C. Bartolo u P. Cutajar.

### 4.4.1. Attività sportiva flimkien mal-Mellieħa Football Nursery(S/6/Vol III)

4.4.2. Saret referenza għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku qal li filwaqt illi l-ispejjeż tal-biljetti ta' l-ajru ta' Jeon Kwon, l-espert fil-*Free Style Football Juggling* ser jitħallsu minn *sponsors*, it-taxxi marbuta ma' l-istess biljetti jista' jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Flimkien magħhom jistgħu jiġu nklużi l-kiri tal-*public address system* u parti mill-ispejjeż tal-kotba li ser jiġu ppreżentati lir-rebbieħa. Dan isir mis-somma ta' €500 li kien hemm qbil dwarha fis-seduta preċedenti.

4.4.3. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

### 4.5.1. Premju EDEN (T/12/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku irrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-applikazzjoni għall-edizzjoni li jmiss tal-premju *European Destination of Excellence* qed tinkiteb mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata u Dr Gordon Cordina – il-persuna li ġiet inkarigata mill-Kunsill sabiex tagħti servizz ta' konsulenza dwar talbiet għall-fondi taħt il-proġrammi ta' l-Unjoni Ewropea.

4.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.6.1. Fond għat-Tfassil ta' Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli (C/3/2/Vol II)

4.6.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġiet sottomessa talba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali bil-għan li jinkiseb finanzjament ħalli jiġi kkummissjonat it-tfassil ta' pjan sħiħ dwar miżuri konkreti li għandhom jittieħdu f'diversi oqsma li jolqtu l-lokalità.

4.6.3. Il-Kunsill innota l-informazzjoni mogħtija.

### 4.7.1. Proġett taħt il-*Youth Initiative Programme* ta' l-UE (P/10/2/Vol III)

4.7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li 80% mis-€6,000 li ġew approvati ġew mgħoddija sabiex ikun jista' jitwettaq il-proġett *"The Environment Through Art – An Event of Artistic Expression"*.

4.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.8.1. *Easter Egg Hunt* fi Ġnien il-Qigħan (S/6/Vol VI)

4.8.2. Il-Kunsillier P. Cutajar irrefera għall-minuta 17.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għall-attivita` msemmija kien hemm parteċipazzjoni nkoraġġanti ħafna bis-sehem ta' 65 tifel u tifla.

4.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.9.1. Kontroll fuq il-*camping* u l-*barbeques* (C/4/Vol III)

4.9.2. Is-Sur R. Cutajar aċċenna għall-minuta 18.1. tas-seduta preċedenti u qal li huwa kompla jsegwi l-andament tal-laqgħat li qed isiru bejn l-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor Mario De Marco dwar il-kontroll fuq il-*camping, caravans* u l-*barbeques*. Huwa ngħata parir sabiex jibda t-tħejjijiet bil-għan li jiġu ntrodotti *by-laws*. Is-Sur R. Cutajar qal li mhux eskluż li aktar 'il quddiem jidħol fis-seħħ avviż legali li japplika fuq bażi nazzjonali.

4.9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma illi r-restrizzjonijiet dwar il-*camping* u l-*barbeques* għandhom japplikaw għall-postijiet pubbliċi kollha inkluż postijiet fejn il-baħar u postijiet imsaġġra. L-istess *bye-laws* m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' *barbeques*, kemm-il darba jsiru f'postijiet li ser jinħolqu apposta. Filwaqt li l-Kunsill qabel li l-*picnics* għandhom jibqgħu permessi, għandu jsir infurzar tal-liġi eżistenti dwar ir-rimi ta' skart.

4.9.4. Kien hemm qbil li għandu jsir kuntatt mal-konsulent legali tal-Kunsill bil-għan li jitfasslu l-istess *bye-laws*.

### 4.10.1. *Resurfacing* ta' Triq il-Kbira (T/4/13/Vol X)

4.10.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u qal li saret laqgħa fid-9 ta' April 2009, fejn attenda huwa flimkien mal-Viċi Sindku E. Bartolo u s-Segretarju C. Debono, flimkien ma' uffiċjali minn *Network Infrastructure Directorate* fi ħdan l-Awtorità tat-Trasport, kif ukoll rappreżentant mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku. Fl-istess laqgħa ġie deċiż li d-dħul tat-traffiku kollu lejn iċ-ċentru tal-Mellieħa jsir minn Triq il-Fortizza, Triq in-Nases, Triq Tas-Salib u jkompli fi Triq il-Kbira. Fid-direzzjoni 'il barra, it-traffiku kollu jdur minn Triq il-Kbira, Triq Tas-Salib, Misraħ tas-Salib u jkompli fi Triq il-Kbira. Biex ikun jista' jsir dan, Triq Tas-Salib sa Misraħ tas-Salib u Triq in-Nases jridu jsiru *one-way* 'il ġewwa, filwaqt li ma jsirx *parking* tul il-kumplament ta' Triq Tas-Salib, billi trid tieħu t-traffiku kollu fiż-żewġ direzzjonijiet.

4.10.3. Is-Sindku għarraf ukoll li saru kuntatti mal-kuntrattur tat-tabelli u ma' l-Awtorità ta' l-ippjanar sabiex jiġu nstallati *traffic lights* temporanji sakemm ikun għaddej ix-xogħol fi Triq il-Kbira. Dan bil-għan li t-traffiku jiġi ridott għall-karreġġjata waħda, id-direzzjoni tiegħu talterna skond il-ħinijiet li jingħataw minn qabel.

4.10.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li skond stima sottomessa mill-*Contracts Manager*, l-ispiża għat-tieni fażi ta' Triq il-Kbira (bejn Misraħ tas-Salib u Triq in-Naħal) ser tammonta għal ftit iktar minn €160,000. Din tkopri għall-iskavar ta' trinek, tqegħid ta' katusi u *gutter* għall-ilma tax-xita, *lay-bys* bil-wiċċ tal-konkos, tqaxxir tal-wiċċ eżistenti sa fuq il-blat, mili biż-żrar u *cement stabilization* (skond il-ħtieġa), flimkien ma' żewġ saffi ta' tarmak (40mm u 80mm).

4.10.5. Il-Kunsill approva l-arranġamenti tat-traffiku proposti, kif ukoll in-nefqa stmata mill-*Contract Manager*.

### 4.11.1. Attività "*Science in the Heart of the Village*" f'Misraħ il-Parroċċa (S/3/1)

4.11.2. Is-Sindku għarraf li f'kuntatt li kellu mal-Prinċipal tal-Kulleġġ Maria Regina, saret talba sabiex fit-30 ta' April 2009 tiġi mtellgħa l-attività msemmija, bejn l-10.00am u l-12.00am. Din ser tkun waħda minn serjè ta' attivitajiet li ser jittellgħu f'diversi lokalitajiet bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tal-Kurrikulum u eLeaning, l-Kunsill Lokali Mellieħa u s-Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika. Fil-każ tal-Mellieħa mistenni li jattendu madwar 700 tifel u tifla minn lokalitajiet differenti.

4.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jappoġġja din l-attività billi jipprovdi xi faċilitajiet li huma meħtieġa, kif ukoll jagħmel talba għall-preżenza tal-Pulizija għas-sigurtà ta' l-istess tfal.

**4.12.1. Animal Fest 2009 (A/5/3/Vol X)**

4.12.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li minn jixtieq jarma *stand* fl-attività li ser issir nhar il-Ħadd 19 ta' April 2009 għandu jintalab iħallas €30 bħala kontribuzzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjeż marbuta ma' l-istess attività.

4.12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 7 ta' April 2009.

5.3. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa wkoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn id-19 ta' Marzu u s-7 ta' April 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li tkopri l-perjodu bejn it-12 u t-30 ta' Marzu 2009

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fihom.

## 7.1. Sejħiet għall-offerti dwar:

**(a) Dinsinjar, *laying out* u stampar tal-magazin "Mill-Qiegħa"**
**(P/3/2/Vol IV);**

**(b) Servizz ta' *Contracts Manager* fuq l-Operazzjonijiet Ġenerali tal-Kunsill**
**(K/6/5/2);**

**(c) Servizz dwar Tindif ta' Toroq Mhux Urbani**
**(T/4/6/Vol IV);**

**(d) Servizz dwar iż-Żamma ta' Ġonna u *Soft Areas***
**(K/6/3/Vol III);**

**(e) Servizz dwar iż-Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u Toroq Oħra**
**(K/6/3/Vol III)**

7.2. Is-Segretarju għarraf li l-kuntratti msemmija hawn fuq ser jiskadu f'Mejju u Ġunju 2009. Huwa qal li fil-każ tal-kuntratt (d) inkluda l-ġonna li ġew żviluppati fl-aħħar tliet snin. Mill-bqija tal-kuntratti l-oħra, is-Sur C. Debono kkummenta li ma jarax lok ta' tibdil.

7.3. Il-Kunsill qabel li kopja ta' kull kuntratt għandha tiġi mgħoddija lill-kunsillieri kollha sabiex fi żmien ġimgħa jkunu jistgħu jagħmlu l-kummenti tagħhom. Wara dan, għandha ssir sejħa għall-offerti.

## 8.1. Mozzjoni dwar l-approvazzjoni ta' l-Estimi Finanzjarji għas-Sena 2009/2010 u l-Pjan ta' Ħidma 2009 - 2012. (F/1/20)

8.2. Id-diskussjoni fuq il-mozzjoni ġiet imħollija għas-seduta li jmiss, wara li tkun saret il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità.

## 9.1. Tiġdid tal-Ftehim ta' Koperazzjoni dwar it-Tmexxija Reġjonali ta' l-Infurzar tal-Liġijiet. (W/3/Vol VII)

9.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li l-Kumitat Konġunt dwar l-Ordni Pubbliku għadda kopja lill-Kunsill ta' l-aħħar ftehim ta' koperazzjoni bejn il-Kunsilli Lokali tat-Tramuntana. L-Uffiċjal Awtorizzat għadda wkoll kopja taż-żewġ ftehim preċedenti, sabiex il-kunsilli msieħba jressqu xi kummenti li jista' ikollhom qabel jidħol fis-seħħ il-ftehim il-ġdid.

9.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn id-dokumenti għandhom jiġu mgħoddija lill-kunsillieri kollha qabel tittieħed deċiżjoni finali. Kien hemm qbil ukoll li l-ftehim jista' jintlaqgħat mir-riforma dwar il-Kunsilli Lokali li ser tiġi mnedija fi żmien qasir.

**10.1. Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali (2007-2013):**

- **Miżura 313: Titjib fil-kwalità ta' ħajja f'inħawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-Ekonomija Rurali; u**
- **Miżura 323: Konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali.** (P/10/1/Vol III)

10.2. Is-Segretarju għarraf li fis-6 ta' April, huwa flimkien mal-Kunsillier J. Buttigieg attendew laqgħa li saret minn uffiċjali tal-MEUSAC fejn ġew spjegati l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Miżura 313 u 323, bħala parti mill-Pjan ta' l-Iżvilupp Rurali (2007-2013) li minnhom jistgħu jibbenefikkaw il-Kunsilli Lokali f'żoni rurali.

10.3. Ġie spjegat li l-Mizura 313 tikkonċerna titjib fil-kwalita' ta' ħajja fi nħawi rurali u diversifikazzjoni ta' l-ekonomija rurali. Din il-Miżura għandha l-għan li tħeġġeġ l-iżvilupp sostennibbli u l-użu effiċjenti tar-riżorsi rurali għall-qasam turistiku sabiex jipprovdu servizzi pubbliċi u kumditajiet simili. Dan jiżgura li dawn l-inħawi ikomplu jingħataw il-ħajja u l-importanza xierqa li jistħoqqilhom. Fost l-azzjonijiet li ser tippromovi din il-miżura hemm li jikkreaw, jiffaċilitaw, u jmantnu aċċess ta' nħawi ta' nteress, jwasslu għall-restawr t'attrazzjonijiet turistiċi, jwasslu għal apprezzament tan-natura bħal osservazzjoni ta' l-għasafar u mixjiet fil-kampanja kif ukoll jippromovu avvenimenti u attrazjonijiet mibnija fuq il-wirt naturali u dak fiziku

10.4. Min-naħa l-oħra l-Miżura 323 tinvolvi il-konservazzjoni u titjib fil-livell tal-wirt rurali. L-għan ta' din il-miżura hu li jtejjeb il-kwalita' ta' ħajja fi nħawi rurali billi jkompli jsaħħaħ il-pajsaġġ li joffru il-gżejjer Maltin. Din il-miżura tgħin f'investimenti bħal l-konservazzjoni, restawr u titjib tal-livell tal-wirt naturali u fiżiku. Din l-iskema tinvolvi ħidmiet reġjonali li jiġu realizzati permezz tal-Kunsilli Lokali. Dawn jinvolvu azzjonijiet bħal ma huma restawr ta' kappelli, giren mibnija b'mod tradizzjonali, pontijiet ta' mportanza storika, barumbari, mtieħen, ħitan tas-sejjieħ tradizzjonali kif ukoll kanali naturali ta' l-ilma. Sabiex dawn il-ħidmiet ikunu eliġibbli dawn iridu jseħħu f'żoni rurali u l-barra minn żoni urbani. Is-Segretarju għarraf ukoll li d-data ta' l-egħluq hija d-29 ta' Mejju 2009.

10.5. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill m'għandux jaspira għall-proġett elaborati u kkumplikati, iżda għandu jmur għal xi ħaġa sempliċi li ma tkunx tirrikjedi, permessi tal-MEPA eċċ.

10.6. Is-Segretarju ppropona li proġett fuq il-linji tal-kumment li sar fil-minuta 10.5. jista' jkun il-ħolqien ta' *heritage trail* li jinvolvi l-Girna f'Ta' l-Ibraġ, is-Sienja li għad trid issir fil-Park tal-Familja, il-Qabar tal-Ħewwiexa, iċ-Ċangar, l-Imġiebaħ tan-Naħal, il-*Pill Box* tat-Tieni Ġwerra Dinjija, il-Palazz ta' Selmun, il-Bir tal-Ħnejja u t-Torri ta' Għajn Ħadid.

10.7. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa oħra mal-konsulent li ġie appuntat mill-Kunsill sabiex jiġu sottomessi talbiet għall-finanzjament ta' proġett permezz tal-miżuri msemmija.

**11.1. *Parking* qrib il-*Ground* Ta' Pennellu (S/4/1/3/Vol III)**

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li saret talba verbali minn membru tal-Mellieħa Baseball Team sabiex fil-ftit okkażjonijiet li jkun hemm meta jintlagħab *baseball* fil-*ground* imsemmi, ma jsirx *parking* fi Triq il-Qigħan u Triq Vincenzo Ciappara. Dan sabiex ma jiġux ikkawżati danni f'vetturi.

11.3. Peress li ma jsirx logħob tal-baseball b'mod regolari fil-*ground*, il-Kunsill qabel li għandhom jsiru tabelli kull meta jsir il-logħob sabiex ma jsirx *parking* fit-toroq ta' biswit l-istess *ground* nhar ta' Ħadd bejn is-2.30pm u l-5.00pm.

**12.1. Wirja permanent ta' oġġetti antiki (P/4/9)**

12.2. Is-Sindku kkummenta li diversi nies fil-Mellieħa għandhom oġġetti antiki li huma wirtu u jixtiequ li dawn jagħtuhom lill-Kunsill jew lill-Parroċċa tal-Mellieħa bil-għan li jkunu jistgħu jiġu apprezzati mill-pubbliku u t-turisti. Is-Sur R. Cutajar għaldaqstant ippropona li l-kmamar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa li għandhom aċċess minn Triq il-Marfa huma idejali għal dan il-għan. Huwa kompla jgħid li fil-preżent dawn m'humiex iservu għall-ebda użu u għalhekk għandha ssir proposta lill-Kappillan Dun Karm Mercieca, proprju għal dan il-għan.

12.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**13.1. Ġemellaġġ mal-lokalita` ta' Ayia Napa (K/1/5/4)**

13.2. Is-Sindku R. Cutajar irrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett waqt seduti preċedenti. Huwa għarraf illi waqt żjara riċenti li għamel f'Ċipru, kellu l-opportunità li jżur il-lokalità ta' Ayia Napa. Iltaqa' ukoll mas-Sindku Nakis Tsokkos u xi kunsillieri ta' hemmhekk. Mill-istess laqgħa rriżulta li Ayia Napa huwa post turistiku b'diversi postijiet ta' divertiment, kif ukoll teżisti wkoll komunità ta' bdiewa. Sar magħruf ukoll li, bħal fil-każ tal-Mellieħa, tiġi ċċelebrata l-festa tal-Vitorja fit-8 ta' Settembru. Ma jonqsux oqbra u kappelli antiki. Bħala parti mill-bini muniċipali, teżisti sala għal konferenza u mużew ta' l-istorja marittima.

13.2. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitkomplew il-kuntatti.

**14.1. It-triq ta' l-Għadira (T/3/3/Vol III)**

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna li l-Awtorità tat-Trasport ressqet applikazzjoni oħra mat-tlieta li diġa ssottomettiet. Permezz ta' applikazzjoni PA 1023/09, l-ADT qed tipproponi li jitwessgħu t-Triq tal-Prajjet u trejqiet rurali, kif ukoll il-kostruzzjoni ta' pont fil-Wied tal-Qammieħ.

14.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jtenni l-punti li saru fir-rigward ta' applikazzjonijiet PA330/09, PA 331/09, PA 332/09.

**15.1. Kompetizzjonijiet tas-*Snooker* u *American Pool* (S/4/2/Vol III)**

15.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni tas-*snooker* organizzata mill-Kunsill ser tkun bejn Robert Falzon taċ-Ċentru Laburista u Edward Deguara tal-Mellieħa Sports Club. Is-Sur Fenech stieden lill-kunsillieri sabiex jattendu.fit-23 ta' April 2009 fil-Mellieħa Sports Club.

15.3. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni ta' l-***American Pool*** ser isseħħ fil-Maritim Antonin Hotel & Spa fit-30 ta' April, filwaqt li dik tas-***Snooker*** ser issir fil-Mellieħa Sports Club fis-17 ta' April 2009.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Laqgħa ma' l-*Economic Crime Unit* tal-Pulizija (P/9/Vol III)**

16.2. Il-Kunsillier P. Cutajar għarraf li fuq stedina mill-*Economic Crime Unit* tal-Pulizija, fit-8 ta' April 2009 huwa ltaqa' mas-Surġent Jean Paul Formosa, fejn ġie spjegat liema reati jaqgħu fil-kategorija ta' *Economic Crime*. Fost dawn hemm miżappproprjazzjoni, frodi, falsifikar ta' dokumenti, tixħim, użura u oħrajn. Is-Sur P. Cutajar ippropona li ssir talba lid-Dipartiment tal-Pulizija sabiex tinkiseb statistika dwar reati ta' din ix-xorta li jinvolvu l-Mellieħa.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Tindif volontarju fl-Imgiebaħ (T/6/Vol III)**

17.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf illi nhar is-Sibt 11 ta' April 2009 sar tindif volontarju minn għoxrin persuna li jiffurmaw parti mill-ekwipaġġ tal-frejgata USS Robert G. Bradley tal-Qawwa Navali ta' l-Istati Uniti li kienet fuq żjara ta' ftit jiem f'Malta. Attendew waqt l-istess attività fl-Imgiebaħ madwar 22 membri oħra msieħba fl-għaqdiet tal-Mellieħa, kif ukoll il-Kunsillieri C. Bartolo, P. Cutajar, H. Fenech.

17.3. Is-Sur E. Bartolo qal li wara din is-sessjoni ta' tindif, kull minn ipparteċipa ġie mistieden fuq l-imsemmija frejgata fejn ġew milqugħin mill-kmandant tagħha Clinton A. Carroll, u ġew ippreżentati tifkiriet ta' l-okkażjoni.

17.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 18.1. Riforma fis-Servizz tal-Karozzi tal-Linja (T/5/1/Vol II)

18.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarraf illi fis-6 ta' April 2009 huwa attenda *briefing* li sar mill-Ministeru għall-Infrastruttura Trasport u Komunikazzjoni dwar il-ħolqien ta' rotot ewlenin li jgħaqdu lokalità ma' oħra, kif ukoll oħrajn sekondarji li jingħaqdu ma' dawk ewlenin intiżi biex jilħqu żoni differenti fil-lokalitajiet. Is-Sur Bartolo għadda kopja ta' pjanta li turi dawn ir-rotot. Huwa qal ukoll li aktar 'il quddiem ser issir laqgħa ta' konsultazzjoni ma' kull kunsill lokali.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u talab lis-Segretarju sabiex jgħaddi kopja tal-pjanta lill-kunsillieri kollha.

### AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 4 ta' Mejju 2009. fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**